

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva dwar il-Mediċini Innovattivi għas-sena finanzjarja 2016, flimkien mar-risposta tal-Impriża Konġunta

(2017/C 426/07)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUZZJONI	1-11	50
Stabbiliment tal-Impriża Konġunta IMI	1-2	50
Governanza	3-5	50
Objettivi	6	50
Riżorsi	7-11	50
OPINJONI	12-24	51
Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet	13	51
Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet	14	51
Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet	15	51
Responsabbiltajiet tal-maniġment u ta' dawk inkarigati mill-governanza	16-18	51
Responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditjar tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi .	19-23	52
ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA	25-31	52
Implimentazzjoni tal-baġit għall-2016	25	52
Implimentazzjoni tal-baġit pluriennali taħt l-FP7	26-28	52
Implimentazzjoni tal-baġit pluriennali taħt Orizzont 2020	29-31	53
KONTROLLI INTERNI	32-34	53
Qafas ta' kontroll intern	32	53
Ġestjoni tal-għotjiet taħt Orizzont 2020	33	53
Kontrolli u monitoraġġ ex ante tal-klejms għall-ispejjeż	34	53
ANNEX - SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SNIN PREĊEDENTI		54

INTRODUZZJONI

Stabbiliment tal-Impriża Konġunta IMI

1. L-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva dwar il-Mediċini Innovattivi (IMI), li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Diċembru 2007⁽¹⁾ għal perjodu ta' 10 snin u bdiet topera b'mod awtonomu fis-16 ta' Novembru 2009. F'Mejju 2014, il-Kunsill adotta Regolament fundatur għid u estenda l-ħajja tal-Impriża Konġunta sal-31 ta' Diċembru 2024⁽²⁾.

2. L-Impriża Konġunta IMI hija sħubija pubblika-privata għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tas-saħħa. Il-membri fundaturi tal-Impriża Konġunta huma l-Unjoni Ewropea (UE), irrappreżentata mill-Kummissjoni, u s-settur farmaċewtiku, irrappreżentat mill-Federazzjoni Ewropea tal-Industriji u l-Assoċjazzjonijiet Farmaċewtiċi (EFPIA).

Governanza

3. L-istruttura ta' governanza tal-Impriża Konġunta IMI tinkludi l-Bord tat-Tmexxija, id-Direttur Eżekuttiv, il-Kumitat Xjentifiku, il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati, il-Gruppi ta' Governanza Strateġika u l-Forum tal-Partijiet Interessati.

4. Il-Bord tat-Tmexxija huwa l-korp deċiżjonali prinċipali u huwa responsabbli mill-operazzjonijiet tal-Impriża Konġunta u mis-sorveljanza tal-attivitajiet tagħha. Il-Bord huwa magħmul minn 10 membri li jirrappreżentaw iż-żewġ membri fundaturi b'mod ugwali. Id-Direttur Eżekuttiv huwa responsabbli mit-tmexxija ta' kuljum tal-Impriża Konġunta.

5. Il-Kumitat Xjentifiku, il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati, il-Gruppi ta' Governanza Strateġika u l-Forum tal-Partijiet Interessati huma korpi konsultattivi. Il-Kumitat Xjentifiku huwa magħmul minn esperti xjentifiċi li għejjin minn oqsma differenti u jipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-Bord tat-Tmexxija. Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati, li huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE u tal-pajjiżi assoċjati mal-programmi ta' riċerka tal-UE, jipprovdi opinjonijiet strateġiċi lill-Bord tat-Tmexxija. Il-Gruppi ta' Governanza Strateġika, li jinkludu rappreżentanti ta' kumpaniji farmaċewtiċi, tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Kumitat Xjentifiku, jikkoordinaw il-proġetti tal-IMI bejniethom kif ukoll mal-programmi ta' riċerka aktar ġenerali tal-UE. Il-Forum tal-Partijiet Interessati huwa avveniment annwali, fejn il-partijiet interessati tal-IMI jiddiskutu dwar l-attivitajiet u l-pjanijiet l-aktar reċenti tal-IMI.

Objettivi

6. L-objettiv tal-IMI huwa li ttejjeb is-saħħa billi tħaffef l-iżvilupp ta' mediċini innovattivi, u l-aċċess tal-pazjenti għalihom, b'mod partikolari f'oqsma fejn hemm hteġġa medika jew soċjali mhux issodisfata. L-IMI tfittex li tiffaċilita l-kollaborazzjoni bejn l-atturi ewlenin fir-riċerka fil-qasam tal-kura tas-saħħa, inklużi universitajiet, l-industrija farmaċewtika u industriji oħra, intrapriżi żgħar u medji (SMEs), organizzazzjonijiet tal-pazjenti u regolaturi tal-mediċini.

Riżorsi

7. Il-kontribuzzjoni massima mill-UE għall-attivitajiet tal-programm IMI1 (2008-2013) hija ta' EUR 1 biljun, li hija ffinanzjata mis-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka (FP7)⁽³⁾. Il-kontribuzzjonijiet mill-membri tas-settur farmaċewtiku jridu jkunu ugwali għall-kontribuzzjoni mill-UE.

8. Il-kontribuzzjoni massima mill-UE għall-attivitajiet tal-programm IMI2 (2014-2024) hija ta' EUR 1 638 miljun, li għandha titħallas mill-programm Orizzont 2020. Minn dan l-ammont, massimu ta' EUR 1 425 miljun jistgħu jintużaw biex jipparagħaw il-kontribuzzjoni mill-EFPIA, u sa EUR 213-il miljun jistgħu jintużaw biex jipparagħaw il-kontribuzzjonijiet mingħand kumpaniji u universitajiet oħra li jiddeċiedu li jissieħbu fl-Impriża Konġunta IMI bħala membri u bħala sħab assoċjati⁽⁴⁾.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi (ĠU L 30, 4.2.2008, p. 38).

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 557/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 54).

⁽³⁾ L-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2008.

⁽⁴⁾ L-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 557/2014.

9. L-EFPIA għandha tikkontribwixxi riżorsi ta' mill-inqas EUR 1 425 miljun. Membri jew sħab assoċjati oħra tal-programm IMI2 għandhom jikkontribwixxu riżorsi li jikkorrispondu għall-ammonti li impenjaw meta saru membru jew sieħeb assoċjat.

10. L-ispejjeż amministrattivi tal-Impriża Konġunta huma limitati għal EUR 85,2 miljun, li għandhom jiġu koperti mill-kontribuzzjonijiet tal-membri fi flus kontanti, u li jinqasmu fuq bażi annwali u b'mod ugwali bejn l-UE u l-membri tal-industrija⁽⁵⁾.

11. Fl-2016, il-baġit tal-pagamenti għall-Impriża Konġunta IMI kien ta' EUR 263,4 miljun (2015: EUR 195 miljun). Fil-31 ta' Diċembru 2016, l-Impriża Konġunta kellha 41 membru tal-persunal impjegat magħha (2015: 35)⁽⁶⁾.

OPINJONI

12. Aħna awditjajna:

- (a) il-kontijiet tal-Impriża Konġunta, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽⁷⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁸⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2016, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

13. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-Impriża Konġunta għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2016 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fil-31 ta' Diċembru 2016, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

14. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2016 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

15. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2016 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Responsabbiltajiet tal-maniġment u ta' dawk inkarigati mill-governanza

16. Skont l-Artikoli 310 sa 325 tat-TFUE u r-Regolament Finanzjarju tal-Impriża Konġunta, il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni tal-kontijiet abbażi ta' standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Il-maniġment huwa responsabbli wkoll milli jiżgura li l-attivitajiet, it-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-informazzjoni riflessi fir-rapporti finanzjarji jkunu jikkonformaw mal-awtoritajiet li jirregolawhom. Il-maniġment tal-Impriża Konġunta jerfa' r-responsabbiltà aħħarija għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet.

17. Fit-tħejjija tal-kontijiet, il-maniġment huwa responsabbli milli jivvaluta l-kapaċità tal-Impriża Konġunta li tkompli bħala negozju avvjat, filwaqt li jiddivulga, kif applikabbli, kwistjonijiet relatati ma' negozju avvjat u juża l-bażi kontabilistika ta' negozju avvjat.

⁽⁵⁾ L-Artikolu 13(2) tal-Istatuti tal-Impriża Konġunta IMI2 (l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 557/2014).

⁽⁶⁾ Aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-Impriża Konġunta hija disponibbli fuq is-sit web tagħha: <https://www.imi.europa.eu>.

⁽⁷⁾ Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁸⁾ Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu r-rapporti li jaggregaw l-operazzjonijiet baġitarji kollha u n-noti ta' spjegazzjoni.

18. Dawk inkarigati mill-governanza huma responsabbli mis-sorveljanza tal-proċess ta' rappurtar finanzjarju tal-entità.

Responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditjar tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

19. L-objettivi tagħna huma li niksbu aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet tal-Impriża Konġunta jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari u li, fuq il-bażi tal-awditu tagħna, nipprovdur lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew lil awtoritajiet ta' kwittanza rispettivi oħra b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Aċċertament raġonevoli huwa aċċertament ta' livell għoli, iżda mhuwiex garanzja li awditu dejjem se jaqbad dikjarazzjoni skorretta materjali jew nuqqas ta' konformità meta dawn ikunu jeżistu. Dawn jistgħu jiġu kkaġunati minn frodi jew minn xi żball u jitqiesu materjali jekk, individwalment jew flimkien, jistgħu jkunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet ekonomiċi li l-utenti jieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-kontijiet.

20. Awditu jinvolvi t-tweqqif ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, inkluża valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jsiru daww il-valutazzjonijiet tar-riskji, jitqies il-kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, sabiex jitfasslu proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa fiċ-ċirkustanzi, iżda mhux bl-iskop li tingħata opinjoni dwar l-effettività tal-kontroll intern. Awditu jinkludi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi użati, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi li jsiru mill-maniġment u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

21. Għad-dħul, aħna nivverifikaw is-sussidju li jiġi riċevut mingħand il-Kummissjoni u nivvalutaw il-proċeduri tal-Impriża Konġunta għall-ġbir ta' tariffi u ta' introjtu ieħor.

22. Għall-infiq, aħna neżaminaw it-tranżazzjonijiet ta' pagament meta l-infiq ikun ġie mġarrab, irreġistrat u aċċettat. Dan l-eżaminar ikopri l-kategoriji kollha ta' pagamenti (inklużi daww li jkunu saru għax-xiri ta' assi) minbarra pagamenti bil-quddiem fil-punt meta jsiru. Il-pagamenti bil-quddiem jiġu eżaminati meta r-riċevitur tal-fondi jipprovdur ġustifikazzjoni għall-użu xieraq tagħhom u l-Impriża Konġunta taċċetta l-ġustifikazzjoni billi tapprova l-pagament bil-quddiem, sew jekk fl-istess sena u sew jekk aktar tard.

23. Fit-tħejjija ta' dan ir-rapport u l-opinjoni, aħna qisna x-xogħol tal-awditjar li l-awditur indipendenti estern wettaq fuq il-kontijiet tal-Impriża Konġunta kif stipulat fl-Artikolu 208(4) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE⁽⁹⁾.

24. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-QEA.

ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA

Implimentazzjoni tal-baġit għall-2016

25. Filwaqt li ttieħdu inkunsiderazzjoni approprjazzjonijiet mhux użati mis-snin preċedenti (EUR 54,1 miljun), il-baġit finali għall-2016 li kien disponibbli għall-implimentazzjoni tal-FP7 u ta' Orizzont 2020 kien jinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 307 miljun u approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 263,4 miljun. Ir-rati ta' utilizzazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u għall-appropriazzjonijiet ta' pagament kienu ta' 94,1 % u 69,6 %, rispettivament. Ir-rata baxxa ta' implimentazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet prinċipalment dovuta għal tnaqqis fl-infiq fuq il-programm Ebola+ u għal dewmien biex jiġu konklużi l-ftehimiet ta' għotja għal sejħiet taħt Orizzont 2020.

Implimentazzjoni tal-baġit pluriennali taħt l-FP7

26. Mill-fondi ta' EUR 1 biljun taħt l-FP7 li ġew allokati lill-Impriża Konġunta IMI, din kienet għamlet impenji ta' EUR 966 miljun u pagamenti ta' EUR 648 miljun sa tmiem l-2016. Il-livell għoli ta' pagamenti pendenti ta' EUR 318-il miljun (32 %) kien prinċipalment dovut għall-bidu tardiv tal-attivitajiet taħt l-FP7 matul l-ewwel snin tal-Impriża Konġunta IMI.

⁽⁹⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

27. Mill-kontribuzzjonijiet ta' EUR 1 biljun li għandhom isiru mill-membri tal-industrija għall-attivitajiet tal-Impriża Konġunta IMI, din kienet invalidat kontribuzzjonijiet *in natura* u fi flus kontanti ta' EUR 403 miljun sa tmiem l-2016. Ammont ieħor ta' EUR 103 miljun oħra f'kontribuzzjonijiet *in natura* kien ġie rrapportat mill-membri lill-Impriża Konġunta IMI.

28. Konsegwentement, fi tmiem l-2016, il-kontribuzzjonijiet *in natura* u fi flus kontanti mill-membri tal-industrija ammontaw għal total ta' EUR 506 miljun, imqabbla mal-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti mill-UE għall-attivitajiet tal-Impriża Konġunta IMI, imwettqa taħt l-FP7, li ammontaw għal EUR 728 miljun.

Implimentazzjoni tal-baġit pluriennali taħt Orizzont 2020

29. Sa tmiem l-2016, mill-fondi ta' EUR 1 638 miljun li ġew allokati taħt il-programm Orizzont 2020 lill-Impriża Konġunta IMI, din kienet għamlet impenji ta' EUR 515-il miljun (31 %) u pagamenti ta' EUR 111-il miljun (7 % tal-fondi allokati) għall-implimentazzjoni tal-ewwel mewġa ta' proġetti tagħha. Il-livell baxx ta' pagamenti huwa prinċipalment dovut għal dewmien fil-konklużjoni ta' ftehimiet ta' għotjiet taħt il-programm Orizzont 2020, mas-sħab fl-industrija.

30. Sa tmiem l-2016, mill-kontribuzzjonijiet *in natura* u fi flus kontanti ta' EUR 1 638 miljun li kellhom isiru mill-membri tal-industrija għall-attivitajiet tal-Impriża Konġunta, is-sħab fl-industrija kienu rrapportaw kontribuzzjonijiet *in natura* ta' EUR 83,8 miljun, li minnhom EUR 47,2 miljun kienu ġew invalidati mid-Direttur Eżekuttiv.

31. Konsegwentement, fi tmiem l-2016, it-total tal-kontribuzzjonijiet mill-membri tal-industrija għall-attivitajiet tal-Impriża Konġunta taħt Orizzont 2020 ammontaw għal EUR 83,8 miljun, imqabbla mal-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti mill-UE li ammontaw għal EUR 135 miljun.

KONTROLLI INTERNI

Qafas ta' kontroll intern

32. L-Impriża Konġunta stabbiliet proċeduri effettivi ta' kontroll *ex ante* bbażati fuq analiżijiet finanzjarji u operazzjonali li jsiru fl-uffiċċju, u twestaq awditi *ex post* ta' klejms għall-ispejjeż relatati ma' għotjiet taħt l-FP7. Dawn il-kontrolli huma għodod ewlenin għall-valutazzjoni tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, inklużi l-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti u *in natura* li jsiru minn membri oħra lill-Impriża Konġunta. Ir-rata tal-iżball residwu għall-awditi *ex post* li ġiet irrappurtata mill-Impriża Konġunta fi tmiem l-2016 kienet ta' 1,67 % ⁽¹⁰⁾.

Ġestjoni tal-għotjiet taħt Orizzont 2020

33. Fi tmiem l-2016 – it-tielet sena ta' implimentazzjoni tal-programm Orizzont 2020 – l-Impriża Konġunta kienet ikkometat parzjalment biss l-integrazzjoni tas-sistemi ta' kontroll tagħha mal-għodod komuni tal-Kummissjoni għall-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-għotjiet, taħt il-programm Orizzont 2020.

Kontrolli u monitoraġġ *ex ante* tal-klejms għall-ispejjeż

34. L-Impriża Konġunta esperjenzat xi dewmien fit-tweġiq tal-pagamenti lil benefiċjarji (universitajiet, organizzazzjonijiet ta' riċerka u SMEs). Dan jindika dgħufijiet fil-proċeduri ta' kontroll intern u ta' monitoraġġ għar-rapporti tal-proġetti u l-klejms għall-ispejjeż relatati, li affettwaw l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-proġetti b'mod negattiv.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Baudilio TOMÉ MUGURUZA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tad-19 ta' Settembru 2017.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Klaus-Heiner LEHNE

President

⁽¹⁰⁾ Ir-Rapport Annwali tal-Attività 2016 tal-Impriża Konġunta IMI, p. 102.

ANNEX

Segwitu għall-kummenti mis-snin preċedenti

Sena	Kumment tal-QEA	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata/Għadha għaddejja/ Pendenti)
	<i>Kontrolli ewlenin u sistemi superviżorji</i>	
2014	<p>Il-prestazzjoni ta' kontrolli operazzjonali <i>ex ante</i> fuq il-pagament ta' spejjeż tal-proġetti kien iddokumentat b'mod insuffiċjenti fl-oqsma kruċjali li ġejjin:</p> <p>(a) il-formola ta' kontroll <i>ex ante</i> użata mill-Uffiċjali tal-Proġetti Xjentifiċi (SPO) tal-IMI ffukat fuq konformità amministrattiva aktar milli fuq konformità operazzjonali billi ma identifikatx b'mod ċar u ma kkomentatx dwar l-istatus tal-proġett (għadu għaddej, għadu għaddej suġġett għal deficijenzi, sospiż/ikkancel-lat) u dwar ir-riżultati tanġibbli tiegħu (ebda riżerva, riżervi li jeħtieġu kjarifika, riżervi kbar);</p> <p>(b) sar pagament mingħajr elenkar uffiċjali ta' riżultati tanġibbli aċċettati mill-SPO u mingħajr ebda referenza għall-valutazzjoni tar-riżultati tanġibbli mill-SPO.</p>	Ikkompletata
	<i>Kunflitti ta' interess</i>	
2015	F'Lulju 2015, il-Kummissjoni ħarġet linji gwida lill-Impriżi Konġunti relatati mar-regoli dwar kunflitti ta' interess, inkluż mudell komuni għad-dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interess, li jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tinkorpora fil-proċeduri tagħha.	Ikkompletata

IR-RISPOSTA TAL-IMPRIŻA KONĠUNTA

29. Il-livell relattivament baxx tal-pagamenti operazzjonali huwa marbut mad-dewmien tal-membri tal-konsorzju li rnexxielhom jikkonkludu ftehimiet ta' konsorzju li huma meħtieġa għall-iffirmar tal-ftehimiet ta' għotja H2020 mal-Impriża Konġunta IMI2.

Barra minn hekk, il-proġetti fil-programmi ta' reżistenza għall-Antimikrobiċi u għall-Ebola talbu inqas fondi milli previst fil-baġits inizjali tal-proġetti, u dan kien l-aktar minħabba t-tnaqqis fl-epidemija.

31. F'dan l-istadju tal-implimentazzjoni tal-programm huwa importanti li wieħed ikun jaf li impenni ta' EUR 275,8 miljun ta' fondi tal-UE u EUR 249,1 miljun ta' kontribuzzjonijiet mhux finanzjarji tal-industrija huma allokati għal 25 proġett ta' Orizzont 2020. Filwaqt li l-kontribuzzjonijiet tal-UE huma trasferiti fuq bażi annwali biex ikopru l-pagamenti bil-quddiem u l-kostijiet li jkunu ntalbu mill-benefiċjarji tal-proġett, kostijiet imġarrba mill-industrija huma rrappurtati bħala kontribuzzjonijiet mhux finanzjarji b'konformità mal-iskedi taż-żmien stabbiliti għar-rapportar tal-proġett, li jibded mhux aktar kmieni minn 12-il xahar wara l-iffirmar ta' ftehim ta' għotja.

33. L-Impriża Konġunta IMI2 hija ddedikata għall-kompletezza tat-tranżizzjoni għall-għodda komuni għall-ġestjoni tal-Orizzont 2020 sal-aħħar tal-2017, inkluża l-migrazzjoni tad-data tal-proġett mill-ewwel tmien Sejħiet IMI2 li kienu ospitati temporanjament fis-sistema lokali SOFIA.

34. L-Impriża Konġunta IMI2 esperjenzat xi dewmien sakemm irċeviet ir-rapporti perjodiċi tal-benefiċjarji kif stipulat fil-ftehim ta' għotja rilevanti. Ta' spiss l-ewwel verżjonijiet tar-rapporti perjodiċi mibgħuta mill-benefiċjarji ma kinux kompluti peress li kien jonqoshom xi wħud mid-dokumenti ta' appoġġ meħtieġa. Dan id-dewmien affettwa l-effettività tal-ewwel parti tal-proċess ta' kontroll tal-pagament (sottomissjoni tar-rapport, wasla tar-rapport, verifika tal-kompletezza). Fl-2016, iż-żmien medju biex jitħallas il-kost tal-pretensjonijiet interim kien 95 jum, filwaqt li l-mira kienet 90 jum.
